A.L. 24 ta' l-1988

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET (KAP. 58)

Regolamenti ta' l-1988 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet (Telegrafija Mingħajr Fili)

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1988 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet (Telegrafija Mingħajr Fili), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1974 dwar id-Drittijiet (Telegrafija Mingħajr Fili), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". Titolu. A.L. 106 ta' l-1974.

2. L-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:— Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

(a) minflok il-partiti 19 sa 25 tagħha għandu jidħol dan li ġej:

L-Ewwel Kolonna Servizz jew Liċenza	It-Tieni Kolonna Dritt
	Lm
"19. Liċenza għall-iżvilupp ta' prova (stazzjon esperimentali):	
(i) Liċenza ta' Radjazzjoni	2 fis-sena
(ii) Liċenza ta' Radjazzjoni Imrażżna	1 fis-sena
(iii) Liċenza għal Apparat ta' Telegrafija Mingħajr Fili li Jirċievi Biss	10 fis-sena
20. Liċenza għal stazzjon privat ripetitur/bażi li jittrasmetti jew li jirċievi:	
(i) stazzjon bażi	20 fis-sena
(ii) stazzjon ripetitur individwali	30 fis-sena
(iii) stazzjon ripetitur kommunitarju għal kull grupp ta' abbonati	10 fis-sena
21. Liċenza għall-ewwel stazzjon mobbli privat li jittrasmetti/jirċievi	10 fis-sena
22. Liċenza għal kull stazzjon mobbli addizzjonali privat li jittrasmetti/jirċievi	5 fis-sena
23. Liċenza għall-użu ta' telegrafija mingħajr fili għal *remote control*	1.50 għal kull perijodu ta' mhux iżjed minn 5 snin.
24. Liċenza għal stazzjon *portable* privat li jittrasmetti/jirċievi	5 fis-sena
25. Liċenza għal kull stazzjon *portable* addizzjonali privat li jittrasmetti/jirċievi	4 fis-sena"; u

(b) minnufih wara l-partita 37 għandha tidħol din il-partita ġdida:

L-Ewwel Kolonna Servizz jew Liċenza	It-Tieni Kolonna Dritt
	Lm
"38. Għall-ispezzjoni ta' stallazzjoni ta' Telegrafija Mingħajr Fili bil-għan li tinħareġ jew tiġġedded liċenza msemmija fil-partiti 20, 21, 22, 24 u 25:	
(i) Għal stazzjon ripetitur privat	10 fis-sena
(ii) Għal stazzjon bażi privat li jittrasmetti/jirċievi ...	10 fis-sena
(iii) Għal stazzjon mobbli privat li jittrasmetti/jirċievi .	5 fis-sena
(iv) Għal stazzjon *portable* privat li jittrasmetti/jirċievi	3 fis-sena".